# 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 31

IT-TLIETA 27 TA' JANNAR 2015 FIL-5.30 TA' FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ŻAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALB

## Laqgħa b'Urġenza

## *Capital Projects Scheme* 2015

Is-Sindku irringrazzja lill-Kunsilliera preżenti tal-preżenza tagħhom għal din il-laqgħa li ssejħet b'urġenza. Is-Sindku infurma lill-kunsilliera illi din il-laqgħa ssejħet b'urġenza peress li l-*Capital Projects Scheme* tgħalaq nhar il-Ġimgħa 30 ta' Jannar.

Is-Segretarju spjega li l-Kunsill jista piproponi ammont ta' proġetti capital, li idejalment ikunu jonvolvu l-privat fil-finanzjament u l-immaniġjar tagħhom. Fakkar ukoll illi l-applikazzjoni trid tindika illi l-proġett kapitali ser ikun qed jolqot bżonn intrinsiku tal-lokalita.

Il-Kunsilliera, wara diskussjoni, qablu li s-segwenti proġetti jiġu sottomessi għal dan il-fond:

1) Proposta sabiex isir parkeġġ organiżżat f'Manuel Island, li fih jilqa l-karozzi tal-bosta ħaddiema li għandhom il-post tax-xogħol tagħhom f'Ta Xbiex. Dawn l-istess ħaddiema umbgħad ikunu jistgħu jasslu għax-xogħol permezz ta' dgħajsa. Is-Sindku semma l-kumpanija *Creek Developments* li taf tkun interessata fi proġett simili.

2) E Muscat ressaq proposta li isir Day Centre u Dar tal-Anzjani mal-privat. Saret diskussjoni fejn hawn biċċa art fil-lokal jew binja kbira biżżejjed għal dan il-għan. Il-Kunsill ikun jista b'dan il-fond jiffinanzja l-bini ta' dar tal-anzjani u parkeġġ taħta, u l-privat ikun jista imexxi tali dar tal-anzjani, filwaqt li jħallas kera lura lill-Kunsill.

3) Is-Sindku tkellem dwar l-proposti tal-kumpanija KDM. Ġew diskussi tlett *options* kif jista jsir parkeġġ bi ħlas il-Marina. Dan, basta r-residenti jipparkjaw b'xejn.

4) Ġie diskuss ukoll li jista isir *child care centre* fuq l-istess prinċipju ta' *public private partnership* kif msemmi fil-każ tad-dar tal-anzjani.

5) Is-Sindku propona ukoll li jsiru *PV panels* b'*partnership* mas-settur privat. Dawn ikunu jistgħu jiġu provduti u stallati mill-privat fuq il-*housing estates* bla ħlas, u filwaqt li r-residenti jieħdu d-dawl minnhom għal komun b'xejn, l-Gvern iħallas lura lill-kumpanija privata għall-investiment tagħha, billi jħallas rata vantaġġjuża għall-enerġija li tiġi ġenerata mill-istess pannelli.

Max Zammit
Sindku

Matthew Dimech
Agent Segretarju Ezekuttiv